MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2011

Numru. 878/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi**
**Spettur Benard Spiteri**

**vs**

**DARREN DAVID BORG**

**Illum l-Erbgha 10 t'Awissu, 2011.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi l-imputat **DARREN DAVID BORG** ta' sebgha w tletin sena, bin David John u Irene nee' Baldacchino, imwieled il-Kanada fil-25 t'April, 1974 u residenti gewwa 82, Soleil Court, Block E, Flat 4, Triq il-Hamrija, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 22092(m) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2011 bejn it-tmienja w nofs ta' fil-ghaxija (8.30p.m.) u

ftit wara nofs il-lejl (12.00a.m.) gewwa “Jadalee”, Triq is-Sardinella Attard, :-

1. Ikkaguna bizgha lil Jolanda Briffa li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha.

2. U aktar talli hedded bil-fomm lill-istess Jolanda Briffa b’delitt u ma’ dan id-delitt kien hemm marbuta ordni jew kundizzjoni.

3. U aktar talli kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni tal-*partner* tieghu Jolanda Briffa skond ma ccertifika Dr. Owen Mifsud.

4. U aktar talli kkommetta serq ta’ *buggy* (push chair tat-tfal) ghad-dannu ta’ Jolanda Briffa u li l-valur tieghu ma jaqbizx l-elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37).

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmija Jolanda Briffa w it-tlett itfal taghha, w minn issa tapplika l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali w taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom, il-Fedina Penali tal-imputat, ic-certifikat tat-twelid tieghu, l-okkorenza datata 29 ta’ Lulju 2011, ricevuta li tindika li l-*buggy* nxtara ghall-ammont t’erbgha mija w wiehed u disghin Ewro w disgha w tletin centezmu (€491.39) u ricevuta li nghatat minn Jolanda Briffa lill-pulizija una volta l-imputat irritorna din l-istess *buggy*, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar id-29 ta’ Lulju 2011 u c-certifikat mediku rilaxxjat f’isem l-vittma Jolanda Briffa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-disgha w ghoxrin t’Awissu 2011, cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha, w kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Awwissu 2011 li gie registrat quddiem l-imputat assistit u l-Parte Civile Jolanda Briffa fejn inghad is-segwenti:-

"*L-imputat iddikjara li rritorna l-buggy li kellu fil-pussess tieghu proprjeta' tal-minuri Logan Drey u omm il-minuri Yolanda Briffa tiddikjara li f'dan ir-rigward m'ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri*…."

U in oltre *"Yolanda Briffa tiddikjara li ghandha tlett itfal cioe' Denzel Lee Scicluna ta' tlettax-il sena, Tenishia Giada Scicluna ta' tnax-il sena u Logan Drey Borg Briffa ta' sitt xhur, pero' tiddikjara li l-ewwel zewgt itfal mhux ulied l-imputat."*

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qieset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri w cioe' mal-prezentata w li b'hekk ma nhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-Fedina Penali tal-imputat, minn fejn jirrizulta li l-imputat gja ghandu tlett *convictions* registrati fuqha fuq sejba ta' htija ta' *raggion fattasi*, ingurji lejn ufficcjali pubblici, nuqqas ta' obbidjenza lejn ordnijiet ta' ufficcjali pubblici, w kontravenzjonijiet kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, fejn inghata Conditional Discharges u R&A;

3. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni fis-sens li irritorna r-res furtiva;

4. Id-dikjrazzjoni tal-allegata vittma li fir-rigward ta' danni materjali ma kellhiex aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat;

5. Il-fatt li dan l-incident kien wiehed li jikoncerna relazzjoni ta' bejn tnejn min-nies li huma genituri ta' l-istess wild u cioe' ta' Logan Drey.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi din il-Qorti qed tinnota li ncidenti bhal dawn qed jizdiedu w jikkrejaw tensjoni zejda gewwa familja. M'hemmx dubbju li dan l-incident eskala tant li kien il-minuri Logan Drey (l-iktar bniedem vulnerabbli w innocenti) li sofra l-izjed minn dan l-incident u li kellu jaghmel zmien minghajr il-*buggy* tieghu. Il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod ferventi dan l-agir u tawgura li l-imputat jivventa r-rabja li huwa jkollu 'l boghod mid-direzzjoni ta' minuri. Naturalment mhix qed tghid li dak li sehh fil-konfront t'omm il-minuri, Jolanda Briffa huwa b'xi mod legittimu, w fil-fatt qeghda wkoll tikkundanna dan l-agir u twissi lill-imputat sabiex ma jirrepetix incident simili, la ma' Jolanda briffa w lanqas ma' persuni ohra.

Illi jidher, minn ezami tal-fedina penali tal-imputat, li huwa mhux kapaci jrazzan ghemilu w jirreagixxi, tant li ngurja ufficcjali pubblici w sahansistra anke ha l-ligi b'idejh fis-sena 2009 billi qabad u biddel serratura ta' bieb tal-komun li jinsab f'M'Scala.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti hija tal-fehma li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija dik ta' prigunerija sospiza sabiex ikollha effett ta' deterrent u bil-ghan li zzomm lill-imputat 'il boghod mill-hajja kriminali, bl-isperanza li huwa jirrifletti qabel ma jagixxi.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, partikolarment l-Artikoli 17, 28A, 221, 251 A, 251 B,**

**339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat DARREN DAVID BORG hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta’ sena sospiza ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------